

Il-Papa jistieden lil bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu *sabiex is-saċerdoti, bis-sempliċità u l-umiltà ta' ħajjithom, jimpenjaw irwieħhom b'mod attiv f'solidarjetà sħiħa mal-ifqar fost il-fqar.*

**Qari:** *Diskors tal-Papa lill-kappillani ta' Ruma f'Marzu 2014*

Nistaqsu lilna nfusna xi tfisser il-ħniena għal saċerdot, ippermettuli ngħid, għalina s-saċerdoti. Is-saċerdoti jitħassru n-nagħaġ tagħhom, bħal Ġesù, meta ra n-nies għajjiena u mitluqa qishom merħla bla ragħaj. Ġesù ... hu mimli bi ħlewwa għan-nies, speċjalment mal-persuni mwarrbin, mal-midinbin, mal-morda li ħadd ma jieħu ħsiebhom… Hekk, fuq ix-xbieha tar-Ragħaj it-Tajjeb, is-saċerdot hu bniedem ta' ħniena u mogħdrija, qrib in-nies tiegħu u qaddej ta' kulħadd. Dan hu l-kriterju pastorali li nixtieq nagħfas ħafna fuqu: li nkunu qrib tan-nies. Qrib tan-nies u f'servizz lejhom, imma l-aktar li nkunu qrib tan-nies!… Min isib ruħu mweġġa f'ħajtu, hi x'inhi l-kawża tal-ferita, jista' jsib fis-saċerdot xi ħadd attent għalih u lest li jisimgħu… B'mod partikulari, is-saċerdot juri l-ħniena li għandu fih, hu u jamministra s-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni. Juri l-ħniena fl-imġiba kollha tiegħu, fil-mod kif jilqa', jisma', jagħti l-pariri, jagħti l-assoluzzjoni… Imma dan jiġi minn kemm hu nnifsu qabel xejn jgħix is-sagrament, minn kif iħalli lil Alla l-Missier iħaddnu miegħu fil-Qrar, u jibqa' f'din it-tħaddina… Jekk wieħed l-ewwel jgħix dan għalih innifsu, fil-qalb tiegħu, jista' wkoll jgħaddih lill-oħrajn fil-ministeru tiegħu.

Mulej nirringrazzjak talli għoġbok tiġi fostna
u ssir bniedem bħalna f'kollox barra mid-dnub.
Nirringrazzjak fuq kollox talli wrejtna kif nieħdu ħsieb xulxin
u kif nkunu qrib ta' xulxin u kif inħennu għal xulxin.
Għax int Mulej, urejtna x'jiġifieri tkun ir-ragħaj tajjeb,
ragħaj li jieħu ħsieb sa lanqas nagħġa;
ibda minn dik in-nagħġa fqira li m'għandha xejn
sa dik in-nagħġa batuta, muġuha jew mgħaffġa bil-piż tal-ħajja;

kif ukoll dik in-nagħġa weħidha u mitlufa.
Mulej, il-Papa qed jisteddinna nitolbu sabiex is-saċerdoti,
bis-sempliċità u l-umiltà ta' ħajjithom, jimpenjaw irwieħhom
b'mod attiv f'solidarjetà sħiħa mal-ifqar fost il-fqar.
Mulej, meta int għażilt lill-Appostli
bgħatthom biex jieħdu ħsieb il-merħla tiegħek, kif kont tieħu ħsiebha int.
Ridthom ikunu ta' servizz għall-oħrajn.
Lil Pietru kellimtu ċar u għidtlu, "Irgħa n-nagħaġ tiegħi".
U afdajtlu f'idejh u f'idejn l-Appostli, lill-poplu kollu tiegħek
u ridthom jilqgħu lill-bnedmin kollha b'imħabba u l-ħlewwa,
speċjalment l-iżjed foqra, l-iżjed dgħajfa, l-iktar żgħar.
Mulej nitolbok, sabiex is-saċerdoti u dawk li kkonsagraw ħajjithom lilek,
ikunu huma minn tal-ewwel li jgħixu l-imħabba fil-ħajja tagħhom;
u biex jeħdu ħsieb lil min hu bil-ġuħ, bil-għatx,
barrani, għeri, marid u fil-ħabs;
u fuq kollox biex iservu lil kulħadd b'imħabba!
Nitolbuk sabiex is-saċerdoti jagħmlu kif qal San Pawl,
jiġifieri li jniżżlu l-għeruq tagħhom fi Kristu
u jibqgħu magħqudin miegħu biex b'hekk tissaħħaħ il-fidi tagħhom
u jibnu l-ħajja tagħhom fuq l-eżempju tiegħu.
Agħtihom il-grazzja Mulej sabiex jagħrfu jkunu qrib tan-nies,
l-iktar qrib tal-persuni imwarrbin, tal-morda u tal-ifqar fost il-fqar.

**KANT**

**Qari:** *Mill-ewwel omelija tal-Papa Franġisku*

Il-lum, flimkien mal-festa ta' San Ġużepp, qed niċċelebraw il-bidu tal-ministeru ta' l-Isqof il-ġdid ta' Ruma, suċċessur ta' Pietru, li jġib miegħu wkoll is-setgħa. Hu minnu li Ġesù Kristu lil Pietru tah f'idejh is-setgħa, imma x'setgħa hi din? Wara l-mistoqsija tripla li Ġesù jagħmel lil Pietru dwar l-imħabba, tasal l-istedina tripla: irgħa l-ħrief tiegħi, irgħa n-nagħaġ tiegħi.  Ma ninsew qatt li s-setgħa vera hi s-servizz, u li anki l-Papa, biex iħaddem is-setgħa tiegħu, irid jidħol dejjem iżjed f'dak is-servizz, li għandu l-quċċata kollha dawl tiegħu fuq

is-Salib. Irid iħares lejn is-servizz umli, konkret, għani fil-fidi ta' San Ġużepp, u bħalu jiftaħ dirgħajh biex iħares lill-Poplu kollu ta' Alla u jilqa' għandu bl-imħabba u l-ħlewwa lill-bnedmin kollha, speċjalment l-iktar żgħar, dawk li Mattew jiddeskrivi fil-ġudizzju finali dwar l-imħabba: min hu bil-ġuħ, bil-għatx, barrani, għeri, marid, fil-ħabs (ara Mt 25:31-46). Jaf jieħu ħsieb sewwa, dak biss li jservi bl-imħabba!

Mulej kemm hi differenti għalina l-kelma "setgħa".
Għal ħafna minna tfisser "awtorità" u "poter".
Iżda kif qal il-Papa Franġisku, is-setgħa vera hi s-servizz;
servizz lil kulħadd, servizz mimli mħabba u ħlewwa
lejn min hu bil-ġuħ, bil-għatx, barrani, għeri, marid u fil-ħabs.
Mulej wettaq il-fidi tas-saċerdoti u agħtihom il-kuraġġ,
biex kif jgħid il-Papa Franġisku, *iħammġu jdejhom bil-problemi tan-nies*.
Għinnhom ħalli jkunu dejjem lesti li jgħixu fost il-komunità,
li jiltaqgħu man-nies, li jisimgħu l-karba tagħhom u jwennsuhom.
Mulej, seddaqhom fil-fidi u fl-imħabba lejk,
ħalli jħarsu lejn is-saċerdozzju,
mhux bħala "*professjoni imma bħala għotja;*
*mhux bħala mestier li jista' jservi wkoll biex wieħed jagħmel karriera,*
*imma bħala missjoni";*
bħala l-għotja tal-ħajja b'servizz minli imħabba għall-oħrajn.
Agħmel Mulej li huma jagħżlu li jgħixu ħajjithom
fis-sempliċità, fix-xhieda tal-kelma tiegħek.
Mulej, skont Papa Franġisku, *il-ħniena vera*
*tidħol fiż-żarbun tal-persuna, tismagħha b'attenzjoni,*
*tersaq bir-rispett u bil-verità qrib il-qagħda li tinsab fiha,*
*u sseħibha fil-mixja tar-rikonċiljazzjoni*.
Nitolbuk Mulej, għin lis-saċerdot biex
iġib ruħu bħar-Ragħaj it-Tajjeb u jkun tassew
għajn ta' ħniena, tama u ta' mħabba ma' kull min
ikollu bżonn l-għajnuna u s-sapport tiegħu.

**KANT**

***Nitolbu flimkien***

Nitolbu sabiex inti tkun mas-saċerdoti meta jħossuhom weħedhom u għajjenin, biex b'hekk isibu l-wens u s-serħan fik u fl-imħabba tiegħek.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk Mulej sabiex tagħti l-għajnuna lis-saċerdoti sabiex jagħżlu li jgħixu fi Kristu u ma' Kristu, biex b'hekk jkunu sinjal ta' tama fil-komunità li huma jgħixu fiha.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej agħti l-grazzja lis-saċerdoti li jgħixu u jaqdu lill-poplu tiegħek fis-sempliċità, biex b'hekk ikunu ta' servizz għall-oħrajn, bla ma jiddependu mill-ħwejjeġ li jgħaddu u bla ma jintrabtu mal-poteri tad-dinja. B'hekk ikun jidher fihom li l-Knisja hi sagrament ta' salvazzjoni.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, għin lis-saċerdoti sabiex iżommu f'moħħhom dak li qalilhom il-Papa Franġisku: *Kunu Rgħajja u mhux amministraturi. Kunu medjaturi u mhux intermedjarji. Żommu dejjem quddiem għajnejkom l-eżempju tar-Ragħaj it-Tajjeb, li ma ġiex biex ikun moqdi, imma biex jaqdi, u biex isalva lil min intilef.*

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej nitolbuk sbiex tagħnihom bis-sempliċità, bl-umiltà u bil-kuraġġ sabiex ikunu jistgħu jgħixu dak li jippritkaw u jwasslu l-messaġġ veru ta' mħabbtek lil dawk li l-iktar jeħtiġuha.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.